Ott 2017

# ħidmietna f'isimkom

PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR







## NADUR 8K

**SUNDAY**

**3RD DECEMBER 2017**

**8K RUN** | 5K WALK

KIDS' RACES











## Indafa Pubblika fil-Lokalità Tagħna

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur qed jagħmel sforzi kbar sabiex iżomm indafa pubblika li tixraqilna, u dan minkejja limitazzjoni fir-riżorsi u fil-problema li kull ma jmur qed tikber. Fost l-akbar problemi li qed niltaqgħu magħhom huma l-abbużi fir-rimi ta' skart kemm fil-widien u anke ħdejn *bring-in-sites*. Dwar dan il-kunsill tkellem ħafna sabiex minbarra li nieħdu ħsieb innaddfu, naraw kif jista' jiżdied l-infurzar. Is-soluzzjonijiet m'humiex faċli pero qed nesploraw kif nistgħu ninstallaw CCTV cameras f'postijiet b'abbuż kontinwu u qed niddiskutu wkoll mal-awtoritajiet sabiex jgħinuna fl-infurzar effettiv. Minbarra dan qed jinħoloq ukoll grupp fi ħdan il-Kunsill Lokali sabiex jiddiskuti materji f'dan il-qasam, joħroġ b'ideat u suġġerimenti, u anke jniedi kampanji edukattivi ta' indafa. Dawk kollha nteressati jistgħu jidħlu f'dan il-grupp ukoll.

Aħna nikkundannaw kull tip t'abbuż fejn jidħol rimi ta' skart u nfakkru li hemm pieni ħorox għal min jinqabad jabbuża. Ejja nuru li aħna kapaċi nżommu lir-raħal tagħna nadif, flimkien.

*Nadur Local Council with continuous efforts to keep the village clean, notwithstanding continuous abuse in certain areas, especially near bring-in-sites. The installation of CCTV cameras and better enforcement are being explored.*



# Siġar taż-Żebbuġ fil-Pjazza

Fl-aħħar xhur il-Kunsill Lokali ħa ħsieb li fil-Pjazza ikollna wkoll numru ta' siġar taż-żebbuġ li anke jistgħu jiċċaqilqu skond il-bżonn. Dawn grazzi għal fondi tal-PA taħt l-iskema tal-UIF.

*New olive trees planters at Nadur Square, thanks to PA's UIF scheme.*





# Master Plan għal Imwejjed u Siġġijiet

Il-Kunsill Lokali wkoll irnexxielu jġib approvazzjoni ta' *master plan* għall-Pjazza sabiex issa l-bars u ristoranti jistgħu faċilment jagħżlu spazju u japplikaw għall-imwejjed u siġġijiet. Dawn l-ispazji jirrispettaw id-disinn tal-pjazza u anke iħallu spazju rikrejattiv u liberu.

*Approval of master plan for Nadur Square, including space for tables and chairs.*



# Ġimgħa l-Kbira u l-Għid fin-Nadur

*Good Friday and Easter in Nadur*



Ċenaklu Ħaj f'Dar Dun Franġisk Grima

*Live Cenacle*



Tqassim ta' figolli lit-tfal nhar l-Għid il-Kbir

*Giving out 'figolli' to kids*









Kollaborazzjoni fiċ-Ċena tas-Sinjur fil-Museum Subien Nadur

*Local Council collaboration*

# Karnival għall-FECC
## Mejju 2017

*Nadur FECC Carnival – May 2017*

F'Mejju li għadda ir-raħal tan-Nadur laqa' fi ħdanu delegazzjoni kbira minn madwar id-dinja li jiffurmaw parti mill-FECC. Din hija il-Federazzjoni tal-Bliet tal-Karnival fid-dinja u li n-Nadur huwa parti minnha. Il-Belt Valletta kienet qed tospita l-edizzjoni tal-2017. Din id-delegazzjoni għamlet viżta lil momunent tal-Karnival fin-Nadur, siti oħra u mbagħad gawdiet il-Karnival Spontanju tagħna.

*FECC delegation at Nadur to enjoy spontaneous carnival as part of the 2017 event hosted by Valletta.*


















Wirja Agrarja u Show taż-Żwiemel

*Traditional Fair and Horse Show*

# Mnarja

## Ġunju 2017









Tiġrija taż-Żwiemel

*Horse Race*



Attività għat-Tfal

*Activity for Children*



Konvenzjoni tal-Konfraternita ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur

*Confraternity of St. Peter & St. Paul in Nadur*



Kunċert annwali mis-Soċjetà Filarmonika Mnarja

*Annual concert by the Mnarja Philharmonic Society*



Ikla Tradizzjonali

*Traditional Dinner*



Festa Żgħażagħ

*Activity for Youths*

# Ġemellaġġi ma' Cicciano u Baveno

*Twinnings with Cicciano and Baveno*

Dan il-Kunsill Lokali bi pjaċir irnexxielu jerġa iqajjem dawn iż-żewġ ġemellaġġi. Fl-Imnarja li għaddiet ġew fostna s-sindki ta' Baveno u Cicciano, flimkien ma' delegazzjonijiet. Minbarra dan, grupp minn Nadur ser iżur Cicciano f'Novembru fejn ser jitfakkar ukoll il-ġemellaġġ, il-grupp tal-atletika ta' Cicciano ser jiġi n-Nadur għal Nadur 8K, Matthew Xuereb irrappreżenta lin-Nadur fil-maratona f'Baveno, u anke qed jinħadmu skambji ma' Baveno għax-xhur li ġejjin.

*Active twinnings with Baveno and Cicciano with several exchanges and visits in past and future months.*












## Charter European Rural Communities

Il-Kunsill Lokali baqa' jipparteċipa bis-sħiħ fiċ-*Charter* Ewropew tal-Komunitaijiet Rurali, u marru delegazzjonijiet kemm f'Kannus - Finlandja, u Ibanesti - Romania. Issa f'Lulju 2018 imiss lilna li nospitaw liċ-*Charter* u għaldaqstant ser ikollna bżonn l-għajnuna ta' kulħadd kemm biex nospitaw lill-persuni u anke biex norganizzaw avveniment mill-aqwa.

*Nadur's participation at the European Charter for Rural Communities.*

### IBANESTI
ROMANIA - AWWISSU 2017





### KANNUS
FINLAND - LULJU 2017






## Tour ta' Malta

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, f'April li għadda, ikkollabora wkoll fit-23 edizzjoni tat-*Tour ta' Malta* taċ-ċikliżmu.

*Cycling Malta Tour in collaboration with Nadur Local Council.*





# Wine Festival
## Awwissu 2017
















# Dog Litter Bins

Fl-aħħar ġimgħat twaħħlu għall-ewwel darba Dog Litter Bins madwar in-Nadur. Nappellaw sabiex kulħadd jużahom kif suppost u nżommu lir-raħal nadif.

*New Dog Litter Bins installed around Nadur.*






# Toy House

Il-Kunsill Lokali jkompli jinvesti fit-tfal tagħna u jgħin b'logħob ġdid fl-iskola tas-Sorijiet Franġiskani.

*New children games at Franciscan Sisters School.*

# Xandriku Fest
# Summer Fest

Il-Kunsill Lokali jikkollabora bis-sħiħ kemm f'Xandriku Fest u anke fis-Summer Fest 2017.

*Local Council collaboration in Xandriku Fest and Summer Fest.*









# Let's Do It Malta

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur kien wieħed minn dawk li pparteċipa f'din il-kampanja madwar Malta u tnaddfu Triq Xurdin u Triq Inżul il-Franċiżi.

*Local Council participated in this campaign to clean Xurdin area.*

# JUM IL-KUNSILL 2017

## PROGRAMM T'ATTIVITAJIET

**MILL-ĠIMGĦA 3, SAT-TNEJN 6 TA' NOVEMBRU, 2017**
Grupp ta' 50 persuna ser imorru ġita relatata mal-ġemellaġġ ta' bejn in-Nadur u Cicciano f'Napli. Din ser tinkludi waqfa f'Ruma, l-isbaħ postijiet f'Napli, u anke attivitajiet u laqgħat ma' ħutna u l-ħbieb tagħna ta' Cicciano.

**IS-SIBT 5 TA' NOVEMBRU, 2017**
Bejn it-8.00am u s-1.00pm ser issir *'Blood Donation'* fiċ-Ċentru Parrokjali Nadur fi Pjazza 28 t'April 1688. Din ser issir bil-kollaborazzjoni ta' *Nadur Teen & Youth Centre*. Inħeġġu lir-residenti tan-Nadur juru solidarjeta' u jkunu parteċipi, filwaqt li nkunu nagħmlu att ta' karita'.

**IS-SIBT 11 TA' NOVEMBRU, 2017**
Fis-7.30pm, lejlet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu, fit-Teatru MBC, jittella' Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech. Waqt l-istess programm ser jiġi ppreżentat 'Ġieħ in-Nadur' li għal l-ewwel darba ser jingħata lil Soċjeta minflok individwu. Dan il-Ġieh ser jingħata lis-Soċjeta Filarmonika Mnarja stess li tant għamlet unur lir-raħal tagħna, anke fl-okkażżjoni tal-50 sena mit-twaqqif tagħha. Wara jsir riċeviment għal dawk kollha preżenti fis-sala tal-Każin tal-Banda.

**IL-ĦADD 12 TA' NOVEMBRU, 2017**
Fid-9.00am, il-membri tal-Kunsill Lokali jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu.

**L-ERBGĦA 15 TA' NOVEMBRU, 2017**
Ħarġa għall-anzjani.

**IS-SIBT 18 TA' NOVEMBRU, 2017**
Fis-6.30pm, fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-sotto Kumitati, impjegati u poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arċipriet Jimmy Xerri. Din il-quddiesa tkun b' sufraġju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex-Kunsillier Frans Sammut.

**IL-ĦADD 19 TA' NOVEMBRU, 2017**
Fit-3.00pm tinżamm *sports day* għat-tfal tal-iskejjel Primarji u Sekondarji fil-grawnd tal-Museum tas-subien. Ikun hemm anke *snack* u drink għat-tfal kollha u medalji, kif ukoll trofej għar-rebbieħa ta' etajiet differenti.

**IS-SIBT 25 TA' NOVEMBRU, 2017**
*8.00am* – Ser tinżamm *Clean Up* minn dawk kollha nteressati li jaraw lin-Nadur aktar nadif, u allura jagħtu daqqa t'id sabiex titnaddaf żona partikulari li tiġi deċiża l' quddiem minn grupp apposta ta' nies li ser jitwaqqaf fil-ġimgħat li ġejjin.

*12.00pm* – Jibda *tournament* tal-futbol fil-grawnd Peter Paul Camilleri tan-Nadur, bl-isem ta' *'Joe Tabone Memorial Tournament'* mit-tfal tan-*Nadur Youngsters Football Nursery* ta' taħt it-tlettax-il sena.

*7.00pm* – Isir il-ftuħ ta' "Il-Milied Malti" - wirja dwar il-presepju Malti u r-rappreżentazzjoni tad-drawwiet u l-ħajja Maltija tal-imgħoddi fit-tiswir tiegħu, fis-Sala Joe Tabone tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, mtella' minn Għaqda Ħbieb tal-Presepju – ezzjoni Nadur. Wara l-inawgurazzjoni jkun hemm riċeviment fis-sala tal-Kunsill Lokali. Din ser ddum miftuħa sad-9 ta' Diċembru 2017.

